REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/447

tas-7 ta' Marzu 2025

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2150/2002 u (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1726/1999, (KE) Nru 1916/2000, (KE) Nru 198/2006, (KE) Nru 1062/2008 u (UE) Nru 349/2011, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (NACE Reviżjoni 2, "NACE Rev 2"). Minn dakinhar, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja. Bħala riżultat, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 ([7]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Reviżjoni 2 Aġġornament 1; "NACE Rev. 2.1").

([1]) ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2150/oj.
([2]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1552/oj.
([3]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/453/oj.
([4]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1338/oj.
([5]) ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1999/530/oj.
([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).
([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).

(2) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fin-NACE u jqabblu l-verżjoni preċedenti tal-klassifikazzjoni mal-verżjoni aġġornata tagħha (NACE Rev. 2.1), fl-1 ta' Awwissu 2023 ġiet ipprovduta tabella ta' korrispondenza ([8]) flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni ([9]) lill-utenti tal-klassifikazzjoni.

(3) Il-korp kbir ta' leġiżlazzjoni li jistabbilixxi r-rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE jinkludi r-Regolamenti (KE) Nru 2150/2002 u (KE) Nru 1552/2005, kif ukoll ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1726/1999 ([10]), (KE) Nru 1916/2000 ([11]), (KE) Nru 198/2006 ([12]), (KE) Nru 1062/2008 ([13]) u (UE) Nru 349/2011 ([14]). Sabiex jiġi żgurat li dawk ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni jiġu espressi f'termini kompatibbli mal-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Rev. 2.1), jenħtieġ li dawk l-atti jiġu emendati.

(4) It-taqsimiet 1 u 8 tal-Anness I, u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE Rev. 2 u għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1726/1999 implimenta r-Regolament (KE) Nru 530/1999 fir-rigward tad-definizzjoni u tat-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar il-kostijiet lavorattivi. Għalhekk, ir-referenzi għan-NACE Rev. 2 fit-Taqsimiet A u D tal-Anness II, u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1726/1999 jenħtieġ li jiġu emendati.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1916/2000 implimenta r-Regolament (KE) Nru 530/1999 fir-rigward tad-definizzjoni u tat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar l-istruttura tal-qligħ. L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1916/2000 jagħmlu referenza għan-NACE Rev. 2 u għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 198/2006 implimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005. L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 jirreferu għan-NACE Rev. 2 u għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1062/2008 implimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 fir-rigward tal-proċeduri ta' aġġustament staġjonali u tar-rapporti dwar il-kwalità. L-Artikolu 1, kif ukoll l-Annessi 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1062/2008 jirreferu għan-NACE Rev. 2 u għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 349/2011 implimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 fir-rigward tal-istatistika dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol. It-tliet annessi kollha tar-Regolament (UE) Nru 349/2011 jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tal-klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni, fil-forma tagħha kif ġiet stabbilita fil-bidu bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006. Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 349/2011 jenħtieġ li jiġi emendat, sabiex jiġi espress f'termini tar-rekwiżiti li huma kompatibbli mal-verżjoni aġġornata tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE Rev. 2.1).

([8]) https://europa.eu/!f6H9nX.

([9]) https://europa.eu/!FNRFFB.

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1726/1999 tas-27 ta' Lulju 1999 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 dwar l-istatistika strutturali tad-dħul u tal-ispejjeż tal-impjieg fir-rigward tad-definizzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni fuq l-ispejjeż tal-impjieg (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1999/1726/oj).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1916/2000 tat-8 ta' Settembru 2000 dwar l-implimetazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 li jirrigwarda l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar in-nefqiet fuq ix-xogħol rigward id-definizzjoni u t-trażmissjoni tat-tagħrif dwar l-istruttura tal-qligħ (ĠU L 229, 9.9.2000, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2000/1916/oj).

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 198/2006 tat-3 ta' Frar 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/198/oj).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008 tat-28 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar impjiegi battala fil-Komunità, fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġustament staġjonali u rapporti dwar il-kwalità (ĠU L 285, 29.10.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1062/oj).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 349/2011 tal-11 ta' April 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol (ĠU L 97, 12.4.2011, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/349/oj).

(10) Sabiex il-fornituri tad-*data* jkollhom ċertu perjodu ta' żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda, jenħtieġ li l-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata ma tkunx meħtieġa minnufih.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1552/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Ambitu tal-istatistika

L-istatistika fuq it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi għandha tal-inqas tkopri l-attivitajiet ekonomiċi kollha stabbiliti fit-Taqsimiet B sa O u t-Taqsimiet S sa T tan-NACE (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(2) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) attivitajiet ekonomiċi skont in-NACE;";

(b) fil- paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-metodu għall-ġbir ta' kampjuni u r-rekwiżiti għall-preċiżjoni, id-daqs tal-kampjuni meħtieġa biex jintlaħqu dawk ir-rekwiżiti, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tan-NACE u l-kategoriji tad-daqs li fihom jistgħu jiġu diżaggregati r-riżultati, għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.".

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1726/1999

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1726/1999 huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1916/2000

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1916/2000 huma emendati skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 198/2006

L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 huma emendati f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1062/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1062/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 453/2008, it-trażmissjoni tad-*data* aġġustata b'mod staġjonali għandha tibda mhux aktar tard minn meta jkunu disponibbli sensiliet ta' żmien b'16-il perjodu osservat fil-livell ta' aggregazzjoni tan-NACE (*) speċifikat fl-Anness 1.

_____

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(2) L-Annessi 1 u 2 huma emendati f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 349/2011

L-Annessi I, II u III għar-Regolament (UE) Nru 349/2011 huma emendati f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Applikazzjoni

1. L-Artikoli 1, 4 u 6 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.

2. L-Artikolu 7 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.

3. L-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.

4. L-Artikoli 2 u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2030, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1 tat-Taqsima 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-istatistika għandha tiġi kkumpilata għall-attivitajiet kollha kklassifikati fil-kopertura tat-Taqsimiet A sa V tan-NACE (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(b) It-Taqsima 8 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA 8

Produzzjoni ta' riżultati

1. Ir-riżultati għall-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 3(1) għandhom jiġu kkumpilati għal dawn li ġejjin:

1.1. l-oġġetti li ġejjin, kif deskritti fit-termini tan-NACE:

Nru tal-Oġġett		Deskrizzjoni
1	Taqsima A	Agrikultura, foresterija u sajd
2	Taqsima B	Estrazzjoni mill-minjieri u mill-barrieri
3	Diviżjoni 10	Manifattura ta' prodotti alimentari
	Diviżjoni 11	Manifattura ta' xorb
	Diviżjoni 12	Manifattura ta' prodotti tat-tabakk
4	Diviżjoni 13	Manifattura ta' tessuti
	Diviżjoni 14	Manifattura ta' lbies
	Diviżjoni 15	Manifattura ta' ġilda u prodotti relatati ta' materjali oħra
5	Diviżjoni 16	Manifattura ta' njam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal tad-dfir
6	Diviżjoni 17	Manifattura tal-karta u prodotti tal-karta
	Diviżjoni 18	Stampar u riproduzzjoni ta' media rrekordjata
7	Diviżjoni 19	Manifattura ta' kokk u prodotti tal-petroleum raffinat
8	Diviżjoni 20	Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi
	Diviżjoni 21	Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi
	Diviżjoni 22	Manifattura ta' prodotti tal-lastiku u tal-plastik
9	Diviżjoni 23	Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra
10	Diviżjoni 24	Manifattura ta' metalli bażiċi
	Diviżjoni 25	Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikati, għajr il-makkinarju u t-tagħmir

Nru tal-Oġġett		Deskrizzjoni
11	Diviżjoni 26	Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi
	Diviżjoni 27	Manifattura ta' tagħmir elettriku
	Diviżjoni 28	Manifattura ta' makkinarju u tagħmir m.k.b.
	Diviżjoni 29	Manifattura ta' vetturi motorizzati, trejlers u semitrejlers
	Diviżjoni 30	Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport
12	Diviżjoni 31	Manifattura ta' għamara
	Diviżjoni 32	Manifattura oħra
	Diviżjoni 33	Tiswija, manutenzjoni u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
13	Taqsima D	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kundizzjonata
14	Diviżjoni 36	Ġbir, trattament u provvista tal-ilma
	Diviżjoni 37	Drenaġġ
	Diviżjoni 39	Attivitajiet rimedjatorji u ta' servizz oħra tal-immaniġġjar tal-iskart
15	Diviżjoni 38	Attivitajiet ta' ġbir, irkupru u rimi ta' skart
16	Taqsima F	Kostruzzjoni
17		Attivitajiet ta' servizzi tal-ikel:
	Taqsima G, għajr il-kategorija 46.87	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut
	Taqsima H	Trasportazzjoni u ħżin
	Taqsima I	Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi tal-ikel
	Taqsima J	Pubblikazzjoni, xandir, u attivitajiet ta' produzzjoni u distribuzzjoni tal-kontenut
	Taqsima K	Telekomunikazzjoni, programmar tal-kompjuter, konsulenza, infrastruttura tal-informatika u attivitajiet oħra ta' servizz tal-informazzjoni
	Taqsima L	Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni
	Taqsima M	Attivitajiet ta' proprjetà immobbli
	Taqsima N	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi
	Taqsima O	Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ
	Taqsima P	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja
	Taqsima Q	Edukazzjoni
	Taqsima R	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
	Taqsima S	Arti, sport u rikreazzjoni
	Taqsima T	Attivitajiet oħra ta' servizzi
	Taqsima U	Attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi; attivitajiet ta' unitajiet domestiċi għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux diffirenzjati għall-użu proprju
	Taqsima V	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali

Nru tal-Oġġett		Deskrizzjoni
18	Klassi 46.87	Kummerċ bl-ingrossa tal-iskart u r-ruttam

1.2. unitajiet domestiċi

Nru tal-Oġġett		Deskrizzjoni
19		Skart iġġenerat mill-unitajiet domestiċi

2. Għall-attivitajiet ekonomiċi, l-unitajiet statistiċi huma unitajiet lokali jew unitajiet ta' attività ekonomika, kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 (*), skont is-sistema statistika ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

Fir-rapport dwar il-kwalità, li għandu jsir skont it-Taqsima 7, jenħtieġ li tiġi inkluża deskrizzjoni dwar kif l-unità tal-istatistika magħżula taffettwa r-raggruppamenti tad-distribuzzjoni tad-*data* tan-NACE.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1993/696/oj).";

(2) fl-Anness II, it-Taqsima 1, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istatisika għandha tiġi kkumpilata għall-faċilitajiet kollha tal-irkupru u tad-disponiment li jwettqu kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 8(2) u li jappartjenu għall-attivitajiet ekonomiċi jew huma parti minnhom skont ir-raggruppamenti tan-NACE (*) msemmija fl-Anness I, it-Taqsima 8(1.1).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).".

ANNESS II

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1726/1999 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(i) it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-definizzjoni ta' impjegati tkopri l-ħaddiema manwali u mhux manwali u persunal maniġerjali fis-setturi privati u pubbliċi f'attivitajiet ekonomiċi kklassifikati fit-Taqsimiet B–O u Q–T tan-NACE (*) f'intrapriżi ta' mill-inqas 10 impjegati (**).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

(**) Il-kopertura tat-Taqsima P tan-NACE hija fakultattiva. Il-kopertura tal-impjegati f'intrapriżi b'inqas minn 10 impjegati hija fakultattiva wkoll.";

(ii) fit-tielet paragrafu, it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna li takkumpanja l-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Biex jiġi evitat għadd doppju, is-sigħat maħduma minn persuni impjegati minn aġenziji tal-impjieg temporanji, għandhom jiġu inklużi fil-klassi NACE tal-aġenzija tal-impjieg (NACE, 78.20) u mhux fil-pożizzjoni NACE tal-intrapriża li għaliha qegħdin jaħdmu attwalment.";

(b) fit-Taqsima D, it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-kostijiet għall-persuni impjegati minn aġenziji tal-impjieg temporanji, għandhom jiġu inklużi fl-industrija tal-aġenzija li timpjegahom (klassi NACE, 78.20) u mhux fl-industrija tal-intrapriża li għaliha jaħdmu attwalment.";

(2) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandhom jiġu pprovduti tliet fajls, li jikkorrispondu għat-Tabelli A, B u C:

— It-Tabella A fiha *data* nazzjonali (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli ta' taqsima u diviżjoni tan-NACE (*)),

— It-Tabella B fiha *data* nazzjonali skont il-klassi tad-daqs (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli ta' taqsima u diviżjoni tan-NACE, għal kull waħda mill-klassijiet tad-daqs),

— It-Tabella C fiha *data* reġjonali fil-livell NUTS 1 (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli ta' taqsima u diviżjoni tan-NACE, għal kull waħda mir-reġjuni).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(b) fit-tieni paragrafu taħt l-intestatura "Identifikazzjoni ta' rekord", l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— l-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE,".

ANNESS III

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1916/2000 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-punt 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. L-attività ekonomika prinċipali tal-unità lokali (NACE (*))

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).".

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-ewwel paragrafu, it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-istatistika għandha tkopri l-attivitajiet kollha ddefiniti fit-Taqsimiet B sa O u Q sa T tal-klassifikazzjoni industrijali ġenerali tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE (*)) f'intrapriżi b'tal-inqas 10 impjegati (**).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

(**) Il-kopertura tat-Taqsima P tan-NACE hija fakultattiva. Il-kopertura tal-impjegati f'intrapriżi b'inqas minn 10 impjegati hija fakultattiva wkoll.";

(ii) il-punt 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1**.3.** *Attività ekonomika prinċipali tal-unità lokali (NACE)*

L-attività ekonomika ewlenija tal-unità lokali jenħtieġ li tkun ikkodifikata fil-livell ta' żewġ ċifri tan-NACE (livell ta' diviżjoni).

Il-kodiċi ta' trażmissjoni għall-kategoriji differenti tan-NACE se jiġu ppreżentati f'karta ta' implementazzjoni li għandha titqassam mill-Eurostat.";

(b) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(i) it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-definizzjoni ta' impjegati tkopri ħaddiema manwali u ħaddiema mhux manwali u persunal maniġerjali fis-settur privat u s-settur pubbliku f'attivitajiet ekonomiċi kklassifikati taħt it-Taqsimiet B sa O u Q sa T tan-NACE f'intrapriżi b'tal-inqas 10 impjegati (*).

(*) Il-kopertura tat-Taqsima P tan-NACE hija fakultattiva. Il-kopertura tal-impjegati f'intrapriżi b'inqas minn 10 impjegati hija fakultattiva wkoll.";

(ii) fit-tielet paragrafu, it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna li takkumpanja l-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Biex jiġi evitat għadd doppju, is-sigħat maħduma minn persuni impjegati minn aġenziji tal-impjieg temporanji, għandhom jiġu inklużi fil-klassi NACE tal-aġenzija tal-impjieg (NACE, 78.20) u mhux f'dik tal-intrapriża li għaliha qegħdin jaħdmu attwalment.".

ANNESS IV

L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 198/2006 huma emendati kif ġej:

(1) fin-nota tat-tabella fl-Anness I, is-sitt sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"NACE tirreferi għall-klassifikazzjoni tal-attività ekonomika stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 (*).

_____

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(2) fil-punt 2 tal-Anness II, il-formulazzjoni introduttorja u l-ewwel inċiż huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-kampjun għandu jkun stratifikat skont il-kategoriji tan-NACE (*) u tad-daqs f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet minimi li ġejjin:

— 20 NACE kategoriji [B, C10–C12, C13–C15, C17–C18, C19–C23, C24–C25, C26–C28+C33, C29–C30, C16 +C31–C32, D–E, F, G46, G47, H, I, J–K, L64–L65, L66, M+N+O+S+T94+T96, T95],

_____

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(3) fir-raba' paragrafu tal-Anness III, il-punti 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Għal ċellola unika tan-NACE (*)/daqs, ma għandha tkun permessa l-ebda imputazzjoni jekk iżjed minn 50 % tal-intrapriżi li jwieġbu jkollhom *data* nieqsa għal aktar minn 25 % tal-varjabbli kwantitattivi.

3. Għal ċellola unika tan-NACE/daqs, ma għandha ssir l-ebda imputazzjoni fuq varjabbli kwantitattiva jekk il-proporzjon tal-intrapriżi li jwieġbu għal dak il-varjabbli partikolari jkun inqas minn 50 %.

4. Għal ċellola unika tan-NACE/daqs, ma għandha ssir l-ebda imputazzjoni fuq varjabbli kwalitattiva jekk il-proporzjon tal-intrapriżi li jwieġbu għal dak il-varjabbli partikolari jkun inqas minn 80 %.

_____

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(4) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 2 (Akkuratezza) hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 2.1 huwa emendat kif ġej:

— fit-tieni paragrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli li għandhom jiġu pprovduti (diżaggregati mill-klassijiet tan-NACE (*) u tad-daqs skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni):

_____

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

— fit-tielet paragrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli li għandhom jiġu pprovduti għall-kampjun effettiv osservat (diżaggregati skont il-klassijiet tan-NACE u tad-daqs skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni):";

(ii) fil-punt 2.2, it-tieni paragrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli li għandhom jiġu pprovduti għall-kampjun effettiv osservat (diżaggregati skont il-klassijiet tan-NACE u tad-daqs skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni):";

(iii) fil-punt 2.2.4, it-tieni paragrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli li għandhom jiġu pprovduti għall-kampjun effettiv osservat (diżaggregati skont il-klassijiet tan-NACE u tad-daqs skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni):";

(b) Taqsima 6 (Koerenza) hija emendata kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan l-aspett ikopri tqabbil tal-istatistika għall-istess fenomenu jew oġġett minn stħarriġiet jew sorsi oħrajn u valutazzjoni ta' koerenza mal-istatistika dwar l-istruttura tan-negozju għall-għadd ta' persuni impjegati bħala funzjoni tal-klassijiet tan-NACE u tad-daqs.";

(ii) fit-tieni paragrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabelli li għandhom jiġu pprovduti għall-kampjun effettiv osservat (diżaggregati skont il-klassijiet tan-NACE u tad-daqs skont il-pjan nazzjonali għat-teħid tal-kampjuni):".

ANNESS V

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1062/2008 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS 1*

NACE (*) livell ta' aggregazzjoni

Taqsimiet NACE	Deskrizzjoni
A	Agrikultura, foresterija u sajd
B, C, D u E	Estrazzjoni mill-minjieri u mill-barrieri, manifattura, provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kundizzjonata, provvista ta' ilma, drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet rimedjatorji
F	Kostruzzjoni
G, H u I	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; trasportazzjoni u ħżin; akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi tal-ikel
J	Pubblikazzjoni, xandir, u attivitajiet ta' produzzjoni u distribuzzjoni tal-kontenut
K	Telekomunikazzjoni, programmar tal-kompjuter, konsulenza, infrastruttura tal-informatika u attivitajiet oħra ta' servizz tal-informazzjoni
L	Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni
M	Attivitajiet ta' proprjetà immobbli
N u O	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi; attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ
P, Q u R	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja; edukazzjoni; attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
S u T	Arti, sport u rikreazzjoni; attivitajiet oħra ta' servizz

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(2) fl-Anness 2, il-punt 2.2.6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.2.6. *Stima tal-bias*

L-istima ta' erruri mhux fil-kampjuni, f'termini ta' għadd assolut ta' pożizzjonijiet vakanti, għandha tiġi trażmessa għall-għadd totali ta' postijiet tax-xogħol vakanti u, meta possibbli, għal-livell ta' aggregazzjoni ta' NACE (*) speċifikat fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u l-klassijiet tad-daqs (1–9, 10 impjegati jew aktar).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).".

ANNESS VI

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) Nru 349/2011 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

LISTA TA' VARJABBLI

Statisika Ewropea dwar l-aċċidenti fuq ix-xogħol (ESAW) Varjabbli tal-fażijiet I u II

Varjabbli	Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena ta' referenza għat-trażmissjoni tad-*data*
Numru tal-Każ	Numru tal-każ uniku biex tiġi identifikata kull reġistrazzjoni individwali u biex jiġi żgurat li kull reġistrazzjoni tirrappreżenta okkorrenza ta' aċċident separata fuq ix-xogħol. Qabel in-numru tal-każ magħżul iridu jitniżżlu l-erba' ċifri tas-sena meta l-aċċident ġie notifikat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	2027
Attività Ekonomika tal-Impjegatur	Livell b'erba' ċifri tan-NACE (*)	2027 għat-Taqsimiet A–T tan-NACE
Mestier tal-Vittma	Livell b'żewġ ċifri tal-ISCO-08	2027
Età tal-Vittma	Numru b'żewġ ċifri	2027
Sess tal-Vittima	Kodiċi b'ċifra waħda	2027
Tip ta' Korriment	Verżjoni bi tliet ċifri tal-klassifikazzjoni ESAW għat-'Tip ta' korriment' skont il-metodoloġija tal-ESAW.	2027
Parti tal-Ġisem Midruba	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'parti tal-ġisem midruba' skont il-metodoloġija tal-ESAW.	2027
Post Ġeografiku tal-Aċċident	Kodiċi b'ħames ċifri skont il-klassifikazzjoni NUTS (**).	2027
Data tal-Aċċident	Varjabbli numeriku li huwa indikat bħala sena, xahar u jum	2027
Ħin tal-Aċċident	Varjabbli b'żewġ ċifri li jiddeskrivi l-intervalli tal-ħin f'sigħat skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Daqs tal-Impriża	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Nazzjonalità tal-Vittma	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Status tal-Impjieg tal-Vittma	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027
Jiem Mitlufa (severità)	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW. Jintużaw kodiċijiet speċifiċi biex juru inkapaċità permanenti u aċċident fatali.	2027

Varjabbli	Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena ta' referenza għat-trażmissjoni tad-*data*
Piż tal-ġbir tal-ESAW	Għandu jintuża meta l-Istat Membru juża kampjun għall-ġbir tad-*data* dwar l-aċċidenti u/jew irid jagħmel xi korrezzjonijiet minħabba s-sottorappurtar. Jekk mhux applikabbli jintuża l-valur standard ta' 1.	2027

Varjabbli tal-Fażi III tal-ESAW dwar il-kawżi u ċ-ċirkustanzi

Varjabbli		Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena ta' referenza għat-trażmissjoni tad-*data*
1.	Stazzjon tax-Xogħol	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
2.	Ambjent tax-Xogħol	Verżjoni bi tliet ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Ambjent tax-Xogħol' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
3.	Proċess tax-Xogħol	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Proċess tax-Xogħol' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
4.	Attività Fiżika Speċifika	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Attività Fiżika Speċifika' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
5.	Devjazzjoni	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tad-'Devjazzjoni' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
6.	Kuntatt — Metodu ta' korriment	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Kuntatt — Metodu ta' korriment' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
7.	Aġent Materjali assoċjat mal-Attività Fiżika Speċifika	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Aġent Materjali' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
8.	Aġent Materjali assoċjat mad-Devjazzjoni	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Aġent Materjali' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)
9.	Aġent Materjali assoċjat mal-Kuntatt – Metodu ta' korriment	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-'Aġent Materjali' skont il-metodoloġija tal-ESAW	2027 (***)

Varjabbli	Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena ta' referenza għat-trażmissjoni tad-*data*
Piż tal-Kawżi u ċ-Ċirkustanzi	Għandu jintuża meta l-Istat Membru japplika kampjun addizzjonali għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli tal-Fażi III tal-ESAW dwar il-kawżi u ċ-ċirkustanzi. Jekk mhux applikabbli jintuża l-valur standard ta' 1.	2027

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

(***) Trażmissjoni obbligatorja ta' mill-inqas 3 mid-9 varjabbli.";

(2) fl-Anness II, il-formulazzjoni introduttorja tat-tieni paragrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

"Skont in-NACE (*):

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(3) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— il-popolazzjoni koperta f'termini ta' taqsimiet tan-NACE (*), u possibbilment diviżjonijiet, gruppi u klassijiet, u l-istatus tal-impjieg,

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(b) is-seba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— l-għadd ta' aċċidenti fatali tat-traffiku u ta' aċċidenti fatali li jkunu saru abbord kwalunkwe mezz ta' trasport matul vjaġġ marbut max-xogħol lill-persuni li huma impjegati barra mit-Taqsima H tan-NACE 'Trasport u Ħżin',".